ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZOJNI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/33

tal-14 ta' Jannar 2021

fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għal Spanja biex ma tikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT fir-rigward tal-provvista ta' servizzi mill-awturi sal-aħħar tal-2024

(notifikata bid-dokument C(2021) 80)

(it-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv dwar Riżorsi Proprji,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 376 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([2]), Spanja tista' tkompli teżenta l-provvista ta' servizzi mogħtija minn awturi, elenkati fil-punt (2) tal-Parti B tal-Anness X ta' dik id-Direttiva, f'konformità mal-kundizzjonijiet li japplikaw f'dak l-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 1993. F'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89, dawk it-tranżazzjonijiet għandhom jitqiesu għad-determinazzjoni tal-bażi tar-riżorsi proprji tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/2189 ([3]) Spanja kienet awtorizzata biex ma tqisx il-forniment ta' servizzi minn awturi kif imsemmi fil-punt (2) tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE għall-fini tal-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2019.

(3) Fl-ittra tagħha tal-19 ta' Frar 2019, Spanja talbet awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex tinqa' ma tqisx ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT. B'mod partikolari, Spanja mhix f'pożizzjoni li tagħmel il-kalkolu preċiż tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt (2) tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-forniment tas-servizzi mill-awturi. Kalkolu bħal dan x'aktarx li jinvolvi piż amministrattiv mhux ġustifikat meta wieħed iqis l-effett ta' dawk it-tranżazzjonijet fuq il-bażi ta' riżorsi tal-VAT ta' Spanja. Għalhekk Spanja jenħtieġ li tkun awtorizzata biex ma tikkunsidrax il-provvista ta' servizzi minn awturi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi tal-VAT.

(4) Għall-finijiet ta' trasparenza u ċertezza legali, hu xieraq li jkun hemm limitu ta' żmien għal-applikabilità tal-awtorizzazzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-fini tal-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2024, Spanja hija awtorizzata biex ma tikkunsidrax il-forniment tas-servizzi minn awturi kif imsemmi fil-punt (2) tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE.

([1]) ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

([3]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/2189 tal-25 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lil Spanja ma tiħux inkunsiderazzjoni ċerti kategoriji ta' tranżazzjoni għall-kalkolu tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT (ĠU L 312, 27.11.2015, p. 23).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni
Johannes HAHN
Membru tal-Kummissjoni